**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 1050/97

Anthony Abela B.Arch. A&CE
vs
Permanent Secretary (Office of the Prime Minister) u Direttur Generali tal-Works Division fil-Ministeru tax-Xogholijiet

Illum 6 ta’ Marzu, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta’ Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fl-1 ta’ Jannar 1991, inbdiet tithaddem ir-riforma tas-Servizz Civili. Ir-riforma tal-"Public Works", dak iz-zmien imsejjah il-“Works Division" fi hdan il-Ministeru Ghall-Izvilupp ta’ Infrastruttura", bdiet tigi implimentata ghall-habta ta' Lulju/Awissu 1992.

Illi dak iz-zmien ir-rikorrent kien fil-grad ta' Assistent Direttur f'dak id-Dipartiment, liema grad kien jaqa' taht "Head II" (Dok "A"). Dan il-grad kellu jigi assimilat ma' "Officers in Grade 3". B' effett tar-riforma, dan il-grad kellu jigi assimilat f' wiehed mill-gradi l-godda. Din l-assimilazzjoni kellha tigi "back dated" mill-1 ta' Jannar 1991.

Illi hawnhekk ir-rikorrent sofra l-ewwel ingustizzja billi mill-grad ta' "Assistent Direttur" - li fil-fatt kien jaqa' taht il-heading ta' Head II fic-Civil ir-rikorrent gie assimilat fil-grad il-gdid ta' Chief A&CE (Grad 5) b' salarju ta' Scale 4 - on a personal basis. (Dok A)

Illi dan ifisser illi minflok ma gie assimilat fil-grad gdid ta' Officer in Grade 3 (ara pagna 2 'Filling of Top Positions', Dok 'B') gie assimilat fi 'Grade 5' gdid b' salarju ta' 'Grade 4' on a personal basis'.

Illi l-ingustizzja tkompli tikber meta wiehed jara illi l-'grade' antik ta' 'Professional Officer III) (illi kien il-grad taht Assistent Direttur, u biex titla minn P.O. III ghal A.D. trid taghmel numru ta' snin u tahdem u tistinka), gie wkoll ikkombinat mal-grad ta' Assistent Direttur fil-grad ta' 'Chief A&CE' Grade 5").

Illi ghal dan l-ahhar seba' snin ir-rikorrent mhux biss sofra degradazzjoni fl-'istatus' tieghu ghax gie 'demoted' jew 'down graded' imma sofra wkoll piz finanzjarju minhabba d-differenza

tas-salarju bejn il-grad prezenti u l-grad li ghalih ingustament gie mcahhad.
Illi oltre dak spjegat aktar ‘il fuq ghandu jinghad illi r-riforma tas-Servizz Pubbliku kienet tirrikjedi fazi ohra barra l-assimilazzjoni tal-gradi u cioe` dik imsejjha "Filling of Headship Position".

Illi dan l-ezercizzju jfisser li jimtlew il-postijiet ta' Diretturi Generali (Grade 3) u Diretturi (Grade 4) fil-Ministeru u d-dipartimenti kollha.

Illi hawnhekk ir-rikorrent sofra ingustizzja ohra billi gie diskriminat, emarginat u umiljat bil-konsegwenza li ghadu jbati sa llum u jibqa’ jbati ghal ghomru ghax din taffettwalu l-pensjoni futura tieghu bl-ikrah.

Illi qabel ir-riforma r-rikorrent kien jokkupa wiehed mill-oghla postijiet cioe` Assistent Direttur kif muri fuq l-'iStaff List' tal-1989 (l-ahhar Staff List qabel ir-riforma Dok C).

Illi din il-kariga kienet post ta’ prestigju ghax kienet wahda gholja fis-Servizz Civili kollu.

Illi gara li fil-31 ta’ Lulju 1992, u fl-1 ta’ Awissu, 1992 gew appuntati zewg (2) Diretturi Generali u tmien (8) Diretturi 'by direct appointment'.

Illi fl-opinjoni tar-rikorrent dan kien irregolari u mhux kif titlob ir-riforma stess u mhux konformi mal-'policy' fil-Ministeri l-ohra.

Illi l-'policy' hija li jinhargu 'letters of interest' ghall-kariga ta' Direttur Generali u Direttur, u wara li jsiru l-applikazzjonijiet jintghazlu l-applikanti.

Illi fil-kaz fuq espost din il-procedura ma gietx osservata u l-postijiet ta' zewg (2) Diretturi Generali (Grade 3) u tmien (8) Diretturi (Grade 4) gew maghzula 'by direct appointment'.

Illi ghalkemm ir-rikorrent kien jokkupa wiehed mill-oghla postijiet huwa ma giex maghzul ghal wiehed minn dawn l-'appointments', u l-anqas kellu l-opportunita` li japplika billi l-letters of interest lanqas ma kienu hargu. Ghalhekk gie maqbuz minn wiehed mid-Diretturi Generali u mit-tmien Diretturi l-ohra li kienu 'juniors' tieghu u kienu jokkupaw pozizzjonijiet ta' gradi inqas mir-rikorrent.

Illi b' rizultat ta' dan ir-rikorrent gie mcahhad minn pagi, 'allowances', 'performance bonuses' u beneficcji ohra li dawn il-karigi huma intitolati ghalihom.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dawn l-ilmenti skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u

a) li jinghata rimedju billi jigi assimilat fi 'Grade 3' b' effett mill-1 ta' Jannar 1991 data li fiha saret ir-riforma tal-gradi u l-

assimilazzjoni kif fuq spjegat u li jircievi b' effett mill-istess data ta' 'appointment' il-paga u beneficcji kollha relatati ghal tali kariga,

b) jinghatalu l-post ta' Direttur Generali mill-31 ta' Lulju 1992,

c) jinghatalu kumpens u cioe` d-differenza ta' salarju/salarji li kien ikun intitolat ghalih, mid-dati fuq indikati.

Ra l-lista tax-xhieda u dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta ta' l-intimati li eccepew illi s-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Minsitru u d-Direttur Generali tal-Works Division mhumiex il-legittimi kontradittturi ghal dik il-parti tal-ilment li tikkoncerna l-hatriet ta' Direttur Generali u ta' Diretturi fid-Divizjoni tax-Xogholijiet, stante li tali hatriet isiru mill-Prim Ministru wara li jkun ikkonsulta ruhu mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, is-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Minsitsru ghandu xi jghid is-segwenti:

1. Illi l-hatriet ghal Kap ta' Dipartiment huma specifikatament regolati mill-Art 92 (4) tal-Kostituzzjoni ta' Malta liema Artiklu ma jipprovidix li tali hatriet ghandhom jinghataw skond l-anzjanita`.

2. Illi ghalkemm l-anzjanita` tinghata l-konsiderazzjonijiet li jixirqilha, mhix il-kriterju determinanti li fuqu ssir l-ghazla ghall-Kap ta' Dipartiment.

3. Illi meta saru l-hatriet indikati mir-rikorrent ta' Direttur Generali u ta' Diretturi fid-Divizjoni tax-Xogholijiet, dan ma nhassx li kien l-aktar ufficjal idoneju ghal xi wiehed mill-postijiet li riedu jimtlew

4. Illi kienu bdew jittiehdu proceduri kriminali kontra r-rikorrent fl-1984 liema proceduri ghadhom ghaddejjin.

5. Illi minghajr pregudizzju l-assimilazzjoni tal-grad ta' Assistent Direttur tax-Xogholijiet fi Skala 5 saret skond il-ftehim milhuq f' Novembru 1993 bejn il-Gvern u l-Union Periti tal-Gvern u Parastatali dwar ir-riorganizzazzjoni tal-Periti u Inginiera Civili u ghalhekk il-ftehim ma jaqax taht il-gurizdizzjoni ta' dan it-Tribunal.

6. Illi l-grad ta' Assistent Direttur tax-Xogholijiet ma kienx jaqa' taht Head II, billi dan kien fi Skala 5 filwaqt li dak ta' Assistent Kap tax-Xogholijiet kien fi Skala 6.

7. Illi permezz tar-riforma, il-grad ta' Assistent Direttur tax-Xogholijiet li kien fi Skala 6, u dak ta' P.O. III, li kien fi Skala 8 gew assimilati fil-grad gdid ta' Chief Architect and Civil Engineer fi Skala 5. Izda l-ftehim kien jipprovdi wkoll illi dawk il-persuni li kellhom hatra ta' Assistent Direttur tax-Xogholijiet, bhar-

rikorrent, kif ukoll dawk fil-grad ta' PO III, kellhom jigu assimilati fi Skala 4 fuq bazi personali.

8. Illi dawk il-postijiet f' livell ta' Assistent Kap li kienu fi Skala 6, kollha gew assimilati fi Skala 4. Dawn kienu l-Assistant to the Attorney General, Assistant Commissioner of Police, u l-Assistant Director of Education.

9. Illi wiehed mill-ghanijiet tar-riforma kien li l-iskali tas-salarju jonqsu. Fil-fatt hekk gara, u minn wiehed u disghijn skala nizlu ghal ghoxrin. Dan il-process essenzjalment attribwixxa ghal raggruppament fi skala wahda ta' gradi li qabel ir-riforma kienu fi skali ta' salarju differenti. Ghalhekk il-fatt li l-gradi ta' Assistent Direttur tax-Xogholijiet u ta' P.O. III gew assimilati fil-grad gdid ta' Chief Architect and Civil Engineer fi Skala 5 ma jikkostitwixxi ebda ngustizzja.

10. Ghaldaqstant l-intimati talbu li dan it-Tribunal joghgbu jichad it-talba tar-rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi fl-1 ta’ Gunju 2000 l-intimat talab li qabel il-prosegwiment tal-bqija tal-provi tigi deciza mit-Tribunal l-eccezzjoni 5 u cioe`:

“Illi minghajr pregudizzju l-assimilazzjoni tal-grad ta’ Assistent Direttur tax-Xogholijiet fi Skala 5 saret skond il-ftehim milhuq f’ Novembru 1993 bejn il-Gvern u l-Union Periti tal-Gvern u Parastatali dwar ir-riorganizzazzjoni tal-Periti u Inginiera Civili u ghalhekk il-ftehim ma jaqax taht il-gurizdizzjoni ta’ dan it-Tribunal”, u in vista ta’ dan il-partijiet ipprezentaw in-noti ta’ osservazzjonijiet taghhom.

L-intimat eccepixxa li l-ilment tar-rikorrent jikkoncerna l-assimilazzjoni tal-grad tieghu meta sehhet ir-riforma fis-Servizz Civili fl-1991 u l-konsegwenzi relattivi. Sostna li r-riforma tolqot lis-Servizz Civili kollu u assimilazzjoni tal-gradi mhux ezercizzju li jista’ jigi definit bhala “hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti” kif kontemplati fl-Artikolu 6 tal-Kap. 394. L-assimilazzjoni mhix hatra izda ezercizzju interpretattiv ta’ grad minn sistema antika ghal sistema gdida u ghalhekk mhux wiehed mill-kazijiet kontemplati fil-ligi. Insista ghalhekk li dan ma kienx ezercizzju ta’ promozzjoni. Semma li l-Kap. 394 ghandu jigi interpretat b’ mod ristrett u l-gurisdizzjoni tat-Tribunal m’ ghandhiex tiggebbed ghall-kazijiet mhux specifikament imsemmija.

Minn naha tieghu r-rikorrent sostna li l-kaz jidhol taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal ghax kawza ta’ dak li sar sofra

degradazzjoni fl-istatus u gie downgraded. Tali downgrading gie spjegat fil-kors tad-depozizzjonijiet liema downgrading gie aggravat meta sussegwentement ghal dawn ir-riformi kien hemm persuni ohra li nghataw promozzjonijiet u r-rikorrent thalla barra. Gara li persuni li kienu warajh bhala grad qabel ir-riformi sabu ruhhom qablu u fi gradi oghla minnu. Semma li l-ingustizzja tista' ssir mhux biss billi ccahhad persuna minn promozzjoni li hu intitolat ghaliha izda daqstant iehor minn downgrading u dana b' mod invers. Dan propju jmur kontra l-ispirtu tal-ligi in ezami kif ukoll l-intenzjoni tal-legislatur. Il-proceduri li saru konsegwenza tar-riforma kienu necessarjament u direttament konnessi ma' hatra.

Fil-kawza fl-ismijiet Joseph Barbara vs Med Serv Limited et deciza fl-10 ta' Mejju, 1999 it-Tribunal qal:

Illi hu opportun li l-ewwel nett it-Tribunal jezamina jekk hux kompetenti jiehu konjizzjoni tal-ilment tar-rikorrent. Hawn wiehed irid bil-fors jaghmel referenza ghall-artikolu 6 (1) tal-Att VIII tal-1997. Dan jghid:

"6. (l) It-Tribunal ikollu s-setgha li jisma' u jaqta' dwar kull ilment miktub li jsir minn persuna li tallega li tkun garrbet ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellha ggarrab, b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan 1-Att dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:

(a) hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici;

(b) hatriet, prornozzjonijiet jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi;

(c) dhul fl-impieg;

(d) licenzi jew permessi mehticga bi1-ligi;

(e) kull haga ohra li tista' tigi approvata b'rizoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

F’dan l-istadju hu importanti li wiehed jezamina dak li hu mehtieg biex ilment ikun tal-kompetenza tat-Tribunal. Minn ezami ta’ l-art 6 (1) jirrizulta li l-***ewwel rekwisit*** huwa li jrid ikun hemm ilment bil-miktub; dan sar mir-rikorrent.

***Sekondarjament*** ir-rikorrent irid jallega li garrab ingustizzja. Dan ukoll gie allegat mir-rikorrent.

***It-tielet element*** hu li din l-ingustizzja tkun b'konsegwenza ta’ xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita’ jew restrizzjoni li kellha ggarrab. Dan l-element jinsab allegat ukoll fir-rikors in ezami.

***Ir-raba' rekwisit*** hu li l-imsemmija ingustizzja tkun saret b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan l-Att.

***Il-hames element*** hu li l-ingustizzja allegata mir-rikorrent tkun dwar wiehed mill-paragrafi (a) sa (d) imsemmija.
Hawnhekk wiehed bil-fors ikollu jaghmel il-kummenti segwenti. L-Att VIII tal-1997 ghandu hafna partijiet li jixbhu u huma bazati fuq l-Att XV tal-1987. Infatti l-istess artikolu 6 ta' dak l-att kien jitkellem dwar is-setghat tal-Kummissjoni. Issa f'dak l-artikolu 6 fil-parti finali tieghu kien jinghad " u b'mod partikulari izda bla hsara ghall-generalita' ta' dak imsemmi qabel, il-Kummissjoni tista' tinvestiga dak l-ilment dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:…" Fl-Att VIII tal-1997 pero' kull ma jinghad hu "dwar kull wiehed min dawn li gejjin:.." u ghalhekk il-legislatur f'dan il-kaz kien aktar restrittiv. Il-lista imsemmija mill-legislatur hija wahda ta' portata espressa u mhux wahda indikattiva ghalkemm naturalment trid issir l-interpretazzjoni gusta taghha kif infatti ser jinghad aktar l-isfel.

L-artikolu 6 (1) (a) jirreferi ghal hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici u ghalhekk mhux applikabbli ghar-rikorrent. L-artikolu 6 (1) (b) jitkellem dwar hatriet, promozzjonijiet, jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi… L-artikolu 6 (1) ( c ) jirreferi ghal dhul fl-impieg u hu manifest li ma jirrigwardax il-

kaz in ezami. Lanqas ma hu applikabbli l-artikolu 6 (1) (d) li jitkellem dwar licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi…

L-istess pricipju gie applikat fil-kazi deciz mit-Tribunal fil-kaz ta' Godfrey Harnsworth vs Kalaxlokk Company Limited deciz 11 ta' Mejju, 1998 li kien jikkoncerna hlas ta' allowances mhux konnessi ma' xi hatra jew promozzjoni, fil-kaz ta' Anthony Vella vs Kalxlokk Company Limited deciz fit-22 ta' Gunju, 1998 li kien jikkoncerna Bonus kif ukoll allowances", fil-kaz ta' George Debono vs Kap Kmandant vs Forzi Armati ta' Malta deciz fit-28 ta' Ottubru, 1998 fil-parti li kienet tikkoncerna l-ghoti ta' medalja, fil-kaz ta' Kenneth Abela vs Chairman Malta Drydocks deciz fit-12 ta' Jannar, 1999, li kien jikkoncerna kwistjoni dwar leave, J Schembri vs Air Malta deciz fit-3 ta' Marzu, 1999 li kien jikkoncerna nuqqas ta' hlas ta' paga.

Differenti hu l-kaz ta' "Downgrading" li ghalkemm ma jissemmix specifikament dan it-Tribunal qiesu bhal ta' kompetenza tieghu fil-kawza fl-ismijiet M. Micallef vs Malta Shipbuilding Company Limited deciza fl-4 ta' Marzu 1999 minhabba li dan hu l-oppost ta' promozzjoni.

It-Tribunal ihoss li hu ghandu l-obbligu li jinterpreta l-ligi u f' dan il-kaz il-Kap. 394 u jara jekk fil-fatt l-ilment tar-rikorrent jinkwadrax ruhu fil-kompetenza tieghu. It-Tribunal ghandu l-obbligu li ma jiftahx il-kompetenza aktar milli suppost pero` li fl-istess hin jaghti interpretazzjoni ta' dak li l-legislatur ried u

bazikament esprima fil-ligi in kwistjoni. Ghalhekk certament ma jistax jinkludi kazijiet li ma kienux fl-intenzjoni tal-legislatur izda minn naha l-ohra hu logiku li kull legislatur ma jista' qatt isemmi kull kaz immaginabbli bl-isem preciz tal-haga specifika ghax ligi hija maghmula fuq bazi generali u spiss ma tolqotx kazijiet specifici. Apparti l-kazijiet ta' licenzji u permessi l-ghan principali tal-legislatur kien li jkopri ingustizzji rigwardanti dhul fl-impieg u transfers u hatriet u promozzjonijiet. X' inhi hatra u promozzjoni? U hawn bil-fors wiehed irid jifhem naturalment dak li specifikament jghidu dawn il-kliem pero` ghandu jifhem ukoll dawk l-istrategiji kollha li jaffettwaw il-pozizzjoni bhala grad, pozizzjoni u/jew poteri tar-rikorrent Ghalhekk tinkludi downgrading u fil-fehema tat-Tribunal ukoll pozizzjoni gdida derivata mill-fatt ta' riforma u l-konsegwenzi li din iggib maghha rigward assimilazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jichad il-hames eccezzjoni tal-intimat u jordna l-prosegwiment tal-kawza. Jinnomina lil Dr. Yvette Cassar LL.D. biex tkompli tisma' d-depozizzjonijiet necessarji, u jiddiferixxi l-kawza ghall-kontinwazzjoni ghall-31 ta' Mejju 2002 fid-9.00 a.m.

Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.